**16 ta' Settembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Anthony Galea

*versus*

Giovanni Farrugia

**Aċċessjoni – Rekwiżiti**

*Sabiex ikun jista' jiġi applikat dan l-artikolu huwa meħtieġ li:*

*(1) L-opera li tkun saret tkun edifizzju;*

*(2) Illi parti biss u mhux il-bini kollu jkun kostruwit fuq art ta' ħaddieħor;*

*(3) Illi tkun ġiet okkupata parti biss mill-fond attigwu;*

*(4) Illi dik l-okkupazzjoni tkun saret in buona fede;*

*(5) Illi l-kostruzzjoni tkun saret meta l-viċin kien jaf u m'għamilx opposizzjoni għaliha.*

Il-Qorti: –

1. Il-kontendenti huma proprjetarji ta' fondi li jmissu ma'

xulxin f'Ħaż-Żabbar, billi huma kienu akkwistaw porzjonijiet diviżi ta' sit fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa "tal-Magi" *sive* "tal-Ħanieq". L-attur akkwista l-*plots* numri sebgħa u tmienja (7 u 8), waqt li l-konvenut akkwista l-*plot* numru disgħa (9), li hija adjaċenti għall-*plot* numru tmienja (8). Dawn il-*plots* huma murija fil-pjanta Dok. "B" esebita mill-attur maċ-ċitazzjoni. L-attur allega li waqt li l-konvenut kien qiegħed jibni l-pedamenti tal-bini tiegħu, huwa invada l-proprjetà ta' l-attur billi naqqas il-faċċata tal-*plot* numru 8 b'xi żewġ piedi u għaxar *pulzieri u dina l-istess wisa' tnaqqset matul il-fond kollu ta' l-*istess *plot* numru 8. L-attur allega li interpella l-konvenut sabiex jirrimedja għall-aġir abbusiv tiegħu, iżda billi baqa' inadempjenti, l-attur ressaq dawn it-talbiet:

(i) Li jiġi ddikjarat u deċiż li l-konvenut ma għandu l-ebda dritt fondat fil-liġi jkompli x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-proprjetà msemmija ta' l-attur;

(ii) Li l-konvenut jiġi ordnat jieqaf mix-xogħol in kwistjoni u kwalunkwe xogħol ieħor li jkun għamel fuq il-proprjetà ta' l-attur;

*(iii) Li jiġi prefiss lill-konvenut żmien qasir u perentorju* biex iwaqqa' kull natura ta' kostruzzjoni li jkun għamel fil-proprjetà msemmija u jerġa' jimla' l-pedamenti taħt id-direzzjoni ta' perit nominand, u;

(iv) Fin-nuqqas, li l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji sabiex jinħatt il-bini u jimtlew il-pedamenti, a spejjeż ta' l-istess konvenut, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominand – bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Protest Ġudizzjarju u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 u ta' l-14 ta'

Lulju, 1981, rispettivament, kontra l-konvenut;

2. Il-konvenut oppona t-talbiet ta' l-attur b'żewġ eċċezzjonijiet u ċjoè:

(i) Illi huwa bena fuq l-art tiegħu u mhux fuq l-art ta' l-attur; u

(ii) Illi jekk stess kien hemm xi differenzi żgħar ta' ċentimentri, l-azzjoni li għandha tiġi esperita mill-attur mhux *dik* proposta *iżda dik li toħroġ mill-artikolu 608 (illum* artikolu 571 tal-Kapitolu 16;

3. Fil-11 ta' Mejju, 1992, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-sentenza tagħha li biha, wara li addottat ir-rapport tal-Perit Ġudizzjarju l-A.I.C. David Pace, hija ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotti – bl-ispejjeż għall-konvenut – u għall-fini tat-tielet talba pprefiġġiet lill-konvenut terminu ta' tliet xhur biex ineħħi kull kostruzzjoni li għamel fuq dik il-parti tal-*plot* ta' l-attur li hu invada u approprja u biex jerġa' jagħmel kollox kif kien qabel, u, fin-nuqqas awtorizzat lill-attur jagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa wara li jgħaddi dak it-terminu a spejjeż ta' l-istess konvenut. Ordnat ukoll li x-xogħol għandu f'kull każ isir taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. David Pace li ġie nnominat għal dak l-iskop;

Din is-sentenza ngħatat a bażi tas-segwenti konsiderazzjoni:

"l-attur qed jagħmel il-kawża biex il-Qorti tordna lill-konvenut jieqaf mix-xogħol ta' pedamenti u kostruzzjoni li qed

jallega li kien qed jesegwixxi fuq il-proprjetà tiegħu abbużivament. L-attur jallega li l-konvenut invada parti mill-proprjetà tiegħu, li tmiss ma' tiegħu, u qed jitlob lill-Qorti tordna r-rimozzjoni ta' kull kostruzzjoni illi l-istess konvenut kien beda jagħmel illegalment. Fi kliem ieħor qed jitlob li jiġi reintegrat fid-drittijiet kollha ta' proprjetà li hu għandu fuq il-*plots* numri 7 u 8 ta' l-artijiet magħrufa bħala tal-Magi *sive* "Tal-Ħnieq", Ħaż-Żabbar, u dana billi waqt li l-konvenut kien qed jibni fuq il-*plot* numru 9, li hu proprjetà tiegħu, u li tmiss mal-*plot* numru 8 hu daħal f'din il-proprjetà b'mod li approprija ruħu minn parti minnha u żiedha mal-*plot* tiegħu;

Utili allura f'dan ir-rigward li jiġu ttrattati ż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut fl-ordni minnu stess stabbilit, li hu wieħed razzjonali;

Il-konvenut eċċepixxa fl-ewwel lok li "huwa bena fuq l-art tiegħu u mhux fuq l-art ta' l-attur". Din hi eċċezzjoni purament ta' fatt li kellu jiġi stabbilit mill-perit tekniku minn eżami tal-kuntratti, xiehda u pjanti in relazzjoni ma' l-eżami fiżiku, permezz ta' *survey* tas-siti fabbrikabbli in kontestazzjoni. Eżami li l-perit tekniku għamel. Ftit li xejn jista' jkun hemm – u fil-fatt ma tantx kien hemm – x'wieħed jgħid jew jissottometti fir-rigward ta' dan l-eżerċizzju li hu fil-parti sostanzjali tiegħu riżultat ta' qisien u kalkoli matematiċi;

Il-perit tekniku hekk ikkonkluda f'dan ir-rigward:

"18. Billi għalhekk hemm nuqqas ta' qbil dwar kif tressqet it-triq, l-esponent deherlu illi kellha titħejja pjanta indikanti dan l-ispustament. Huwa fil-fatt kejjel u ħareġ il-pjanta (dok. PT1). Fuqha jidher illi t-triq tressqet **'l barra** u għalhekk *se mai*, il-

*plot* tal-konvenut kellha tiżdied, mhux tonqos, fil-fond tagħha;

19. Dana fil-fatt jirriżulta li hu hekk billi mill-kejl ta' l-appoġġ bejn il-*plots* tal-kontendenti kellha tul ta' 13.49m mhux 12.35m kif hemm indikat fuq il-pjanta (dana b'riferenza għall-fond tal-bini). It-tul ta' l-appoġġ l-ieħor tal-*plot* tal-konvenut (dak bejn il-*plot* 9 u 10 fuq il-pjanta Dok. 8) huwa ta' 18.37m minflok 17.68m kif indikat fuq l-istess pjanta. Dana jfisser illi miż-żewġ naħat tal-*plot*, il-fond żdied...;

21. Fl-istess pjanta jidher ukoll li **l-konvenut bil-bini tiegħu invada b'mod evidenti l-*plot* numru 8 ta' l-attur u dana b'madwar metru fuq il-linja oriġinali tat-triq sa madwar metru punt sebgħa lejn it-tarf ta' ġewwa**.....;

23. Issa skond il-pjanta, **il-faċċata tal-*plot* numru 8 ta' l-attur u dana b'madwar metru fuq il-linja oriġinali tat-triq sa madwar metru punt sebgħa lejn it-tarf ta' ġewwa**.....;

23. Issa skond il-pjanta, **il-faċċata tal-*plot* tal-konvenut** kellu jkollha tul ta' 10.7m, però l-esponent sab tul ta' 11.7m, però l-esponent sab tul ta' 11.7m **ċjoè metru aktar.** L-esponent jidhirlu illi **l-konvenut b'ebda mod ma rnexxilu jipprova d-dritt tiegħu għal din iż-żieda fil-*plot* tiegħu**'';

Il-perit tekniku għalhekk jirrelata illi ''huwa tal-fehma illi l-allegazzjonijiet attriċi jirriżultaw ippruvati u kwindi t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti''. Il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex ikollha xi riserva dwar din il-konklużjoni tal-perit tekniku li hi l-pern tal-vertenza bejn il-kontendenti u ser taċċettaha wara li qieset sewwa l-konsiderazzjonijiet li hu ssottometta għall-konsiderazzjoni tagħha;

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi għalhekk respinta. Dan ukoll wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni r-risposti li taha l-perit tekniku in eskussjoni mill-konvenut li verament ma varjaw bl-ebda mod – lanqas marġinalment – il-konklużjonijiet tiegħu fir-rapport. Il-konvenut jagħmel ċerta enfasi fuq l-allegazzjoni tiegħu li wieħed mill-ko-proprjetarji ta' l-art li minn għandhom xtara l-*plot* tiegħu, Disma Attard kien wegħdu u assigurah illi: "Lili kien begħli ħames qasab u nofs faċċata u lil ħuti tliet qasab faċċata kull wieħed". Apparti l-fatt rilevanti li dan il-kejl ma jirriżulta bl-ebda mod mill-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut u hu kontradett mill-provi kollha prodotti, mill-kejl li għamel il-perit tekniku fis-*survey*, mill-posti magħmula mis-*surveyor* tal-venditur – l-awturi tal-kontendenti – jew il-perit tagħhom, hu sinifikattiv ukoll li l-istess Disma Attard prodott biex jixhed wara odisseja ta' taħrikiet u mandati baqa' ma kkonfermax l-allegazzjoni tal-konvenut. Hu illimita ruħu biex jgħid vagament illi "Jiena bgħettilhom in kwantu għal qisien (lill-kontendenti) dak li hemm fuq il-pjanti (allura mhux kif qed isostni l-konvenut) però fil-fatt fuq il-post kien hemm aktar bħala kobor, bħala fond (mhux wisa') minn dak li kien hemm ippjantat". Minn din il-kwalità ta' xiehda l-konvenut ma jista' jsib l-ebda konfort;

Fit-tieni lok il-konvenut, jeċċepixxi illi jekk stess kien hemm xi differenzi (li ġew issa stabbiliti bħala fatt) żgħar ta' ċentimetri (li mhux il-każ billi jirriżulta illi hemm differenza ta' metru jew aktar mill-wisa' tal-*plot* ta' l-attur bit-tul kollu tiegħu) l-azzjoni li "għandha tiġi esperita mill-attur m'hix dik proposta, iżda dik li toħroġ mill-artikolu 608" (tal-Kap. 16 – illum artikolu 571);

Anke din l-eċċezzjoni tirriżulta li hi insostenibbli. Dan għaliex:

1. Fl-ewwel lok il-prinċipju għandu jkun li ħadd ma għandu dritt li jużurpa l-proprjetà ta' ħaddieħor – anke jekk b'xi ċentimetri – u li minn hekk jagħmel għandu jkun soġġett għas-sanzjoni elementari tar-*restitutio in integrum*, apparti kull azzjoni oħra kompetenti lid-danneġġjat għar-riżarċiment tad-danni. Dan ifisser illi l-attur ċertament kellu fl-ewwel lok kull dritt li jitlob li l-konvenut jiġi mġiegħel jieqaf mill-kostruzzjoni li kien qed jagħmel u li l-Qorti tikkundannah li jiżgombra minnha u jneħħi x-xogħol abbusiv u llegali li kien qed jagħmel. Il-fatti issa ppruvati jiġġustifikaw lill-attur pjenament fl-azzjoni li ppropona. L-eċċezzjoni tal-konvenut kif proposta fis-sens li l-attur għażel xi rimedju li ma kienx fil-liġi miftuħ għalih hi manifestament inaċċettabbli;

2. L-artikolu 571 in fatti ma jeskludix id-dritt tal-ġar li ġie mċaħħad minn xi parti tal-proprjetà tiegħu li jaġixxi għar-reintegrazzjoni tad-drittijiet tiegħu kif ippropona l-attur. Jipprospetta biss li, f'ċerti **determinati ċirkostanzi** u f'dawk biss u meta hekk jirriżulta, għandu jitqies li jkun hemm aċċessjoni tal-bini li jkun magħmul fuq il-proprjetà ta' ħaddieħor u ta' l-art taħtna b'mod li din titqies bħala li tappartjeni lil min ikun għamel il-kostruzzjoni. Din hi għalhekk eċċezzjoni għar-regola. Eċċezzjoni li tippermetti lill-Qorti d-diskrezzjoni li ma tapplikax is-sanzjoni ultima tar-reintegrazzjoni sħiħa l-aktar in omaġġ tal-presunta u ppruvata *buona fede* ta' min bena. Dikjarazzjoni li tista' ssir mill-Qorti *sua sponte* jekk jirriżultawlha ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu jew b'deċizjoni ta' eċċezzjoni *ad hoc* mogħtija mill-konvenut;

3. L-elementi *sine que non* li jesiġi dan l-artikolu biex tavvera ruħha l-aċċessjoni mal-proprjetà ta' min ikun għamel kostruzzjoni fuq il-fond tal-ġar huma s-segwenti:

a. L-okkupazzjoni għandha ssir bi *buona fede;* u

b. Il-kostruzzjoni trid tkun saret bil-konoxxenza tal-ġar; u

ċ. Mingħajr ebda opposizzjoni da parti ta' l-istess ġar;

*Hu ċar illi dawn it-tlett elementi* **jridu jissussistu flimkien** fl-istess kontest biex tkun tista' tavvera ruħha l-eċċessjoni u biex min jagħmel il-kostruzzjoni jkun jista' jippretendi bi dritt li jħallas għall-valur tas-sit tal-ġar minnu okkupat skond it-termini ta' dan l-artikolu. Jirriżulta ampjament li dan mhux il-każ;

In fatti l-uniku element li jirriżulta b'ċertezza hu dak illi l-kostruzzjoni kienet bdiet issir bil-konoxxenza tas-sid li – immedjatament fil-fażi tax-xogħol preliminari – sar jaf bl-aġir tal-konvenut. Dan sodisfaċentement ippruvat mix-xiehda tiegħu stess;

Jirriżulta manifestament karenti t-tielet element u ċjoè li x-xogħol sar mingħajr ebda opposizzjoni da parti ta' l-attur. Din il-kawża stess hi l-prova ħajja ta' l-oġġezzjoni qawwija ta' l-attur, kif inhu l-protest li kien sar qabel u n-nuqqas ta' qbil meta kien sar tentattiv biex isir ftehim amikevoli tal-vertenza;

Hemm dubji gravissimi dwar l-element bażilari tal-*buona fede*. Hemm indikazzjonijiet negattivi f'dan ir-rigward sa mill-bidu nett ta' l-azzjoni unilaterali tal-konvenut li jappropija ruħu minn parti mill-*plot* ta' l-attur li kienet sewwa mmarkata u għal żmien konsiderevoli – anke wara li hu kien ħammel – b'posti magħmula mill-perit ta' l-awturi komuni tal-kontendenti. L-impressjoni li wieħed jieħu hi li l-konvenut deherlu li kellu jieħu vantaġġ mill-fatt li t-triq ġiet spostata u li dan il-vantaġġ ma

kellux igawdi minnu biss l-attur. Atteġġjament dan – kif sewwa rrimarka l-perit tekniku – inaċċettabbli. Anke jekk wieħed kellu jipprexxindi minn dan l-atteġġjament inizjali tal-konvenut u allura fl-aħjar ipotesi għalih, hu ovvju li kull *buona fede* tiegħu tiżvinta *una volta* rriżulta l-opposizzjoni serja ta' l-attur waqt li hu kien għadu fl-istat tat-tħammil u bidu tal-pedamenti. Kull xogħol li hu għamel wara li ġie intimat ġudizzjarjament, anke permezz ta' protest, ipoġġi lill-konvenut minn dak il-mument f'*mala fede* u żgur responsabbli għall-fatt li beda biex jibni u kompla sakemm spiċċa l-bini meta kien konxju mill-fatt li **li seta' kien qed jibni fuq art** li ma kinitx tiegħu. Jekk hu għażel li jkompli *bil-kostruzzjoni minflok jistenna l-eżitu tal-proċeduri* hu għandu jitqies li minn dak il-mument hu ddeċida li jieħu l-liġi f'idejh u jappproprija – kif effettivament issa rriżulta li approprija – parti minn fond appartenenti lil ħaddieħor. F'dawn iċ-ċirkostanzi hu għandu jżomm biss lilu nnifsu responsabbli għall-konsegwenzi loġiċi ta' l-azzjonijiet illegali u abbużivi tiegħu;

"Skond id-dottrina, huwa possessur ta' *buona fede* min jippossjedi bħala proprjetarju in forza ta' titolu abbli li jittrasferixxi d-dominju, **meta l-istess persuna ma tkunx tat bil-vizzju ta' daka l-istess titolu**; mentri **huwa possessur *in mala fede* dak li ma jkollux titolu jew li jkun jaf bil-vizzji**. Skond il-liġi tagħna, huwa possessur ta' *buona fede* min, **għal raġunijiet li għandhom mis-sewwa**, jaħseb illi l-ħaġa li jippossjedi hija tiegħu, mentri huwa possessur ta' *mala fede* min jaf, **jew minħabba fiċ-ċirkostanzi għandu jaħseb**, illi l-ħaġa li jippossjedi hija ta' ħaddieħor". Kull kumment ieħor f'dan ir-rigward ikun superfluwu. (Vol. XXXIII, P. II, p. 272);

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk ukoll sejra tiġi respinta";

4. **Il-konvenut appella u talab li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet ta' l-attur – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.** L-appellant ressaq tlett aggravji li sejrin jiġu ċċitati testwalment:

"A. L-esponenti jilmenta li l-ewwel eċċezzjoni minnu ssollevata ma ġietx eżaminata fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Dan qed jiġi sottomess għax l-ewwel Qorti bbażat l-argumenti kollha tagħha fuq ir-relazzjoni tal-Perit-tekniku mingħajr ma eżaminat fil-fond id-domandi u risposti li saru in eskussjoni. Di fatti l-imsemmija sentenza tgħid li d-domandi ma ċaqalqu xejn. Meta jekk wieħed jaqra d-domandi u r-risposti wieħed isib li għat-tieni kweżit i.e. jekk il-Perit ivverifikax mir-*records* tal-P.A.P.B. fuq il-linja tal-*plots* dan wieġeb fin-negattiv. Dan ifisser li fl-eżerċizzju li sar ma sarx analiżi oġġettiv tal-kejl u kien ibbażat fuq x'qalu d-diversi periti li ġew imqabda fuq ix-xogħol i.e. Anthony Muscat, Randolph Bartoli, Fenech Vella u l-istess perit tekniku. Dan l-ilment jirriżulta wkoll mill-kweżit numru tlieta u erbgħa fejn għad-domandi fuq il-kejl u responsabbilità tiegħu l-perit tekniku wieġeb li kien il-konvenut li induċa għall-iżball lill-perit u t-tieni li l-kejl sar mal-pjanti. Mingħajr ma ġie kkunsidrat li dawn il-pjanti setgħu kienu żbaljati u li l-Perit hu tenut li jagħmel il-verifiki neċessarji huwa u mhux il-klijent tiegħu. Għalhekk l-esponenti quddiem dubju daqshekk fondat fuq il-korrettezza tal-kejl jissottometti li l-ewwel eċċezzjoni tiegħu kellha tiġi milqugħa;

B. Illi fit-tieni lok l-esponenti jilmenta wkoll li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta ddikjarat li l-esponenti kien *in mala fede*. Dan qed jiġi sottomess għax imkien ma ġie kkunsidrat li l-imsemmi konvenut f'ebda ħin ma kien jaf li qed jibni fuq ta' ħaddieħor. Tressqu fuq il-post diversi periti u dan

bil-ħsieb li jirnexxilhom jaqtgħu din il-kwistjoni bejn il-partijiet għar-rigward min daħal fuq min. Żgur anqas li ħadd ma seta' jippretendi li huwa jibqa' fil-limbu jistenna li jaqblu bejniethom. Huwa bena fuq dak li tah il-perit tiegħu. Għalhekk kien korrett u ma kienx *in mala fede*. Dan bir-rispett kollu huwa għal kollox żbaljat u l-ewwel Qorti kellha għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Ċ. Illi fit-tielet lok l-esponenti wkoll jilmenta li ma sar ebda temperament fil-kap ta' l-ispejjeż f'dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur. Dan qed jiġi sottomess billi kif jirriżulta mill-atti l-mertu ta' dawn it-talbiet kien evidentement eżawrit. Tant li l-attur ma ġieb ebda prova fuq dan. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkundanna lill-esponenti għall-ħlas ta' l-ispejjeż kollha tal-kawża'';

5. L-attur appellat irrisponda li l-appell għandu jiġi *miċħud billi s-sentenza appellata kienet ġusta u għalhekk* timmerita konferma. Huwa ssottometta wkoll li:

''a. Kif jirriżulta mill-proċess tal-kawża u anki mill-appell innifsu, l-iskop uniku ta' l-appellant huwa illi jkompli jtawwal u jimpedixxi l-iskop tal-ġustizzja u kien minħabba dan l-atteġġjament tal-konvenut illi l-preżenti kawża twalet għal ħdax-il sena;

b. L-appell huwa għalhekk għal kollox vessatorju;

ċ. Il-Perit ġudizzjarju – *A.I.C. David Pace* – eżamina b'mod profond l-aspett tekniku tal-każ u fir-rapport estensiv tiegħu – flimkien mal-pjanta annessa miegħu - huwa eżawrixxa kull punt tekniku li jeżisti. Dan apparti mix-xiehda u rapport

ulterjuri li l-istess A.I.C. David Pace ta wara r-rikjesti tal-konvenut;

d. Il-konvenut żgur ma jistax jippretendi illi ma kienx *in mala fede* meta injora għal kollox il-protest ġudizzjarju kif ukoll l-ittra uffiċjali ta' l-attur li permezz tagħhom kien infurmah illi kien ser jibda jibni fuq ħwejjeġ ħaddieħor, iżda xorta waħda baqa' għaddej bil-bini u fil-fatt bena dar sħiħa;

e. Ma teżisti l-ebda raġuni valida għaliex għandu jkun hemm temperament ta' l-ispejjeż tal-kawża meta l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut ġew miċħuda;

6. L-appellant jillamenta li s-sentenza appellata ma qisitx sewwa d-domandi u r-risposti tal-Perit Tekniku in esekussjoni, u minflok, ibbażat il-konklużjonijiet tagħha unikament fuq ir-relazzjoni peritali. L-appellant irrifera għat-2, 3 u r-4 domanda (li jinsabu a fol. 82) u għar-risposti rispettivi tal-Perit Tekniku David Pace (li jinsabu a fol. 138 tal-Proċess);

7. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn il-kweżiti u r-risposti relattivi tal-Perit Tekniku u għandha tosserva li t-tieni kweżit, li għalih il-Perit Tekniku wieġeb fin-negattiv, ma kienx fis-sens jekk huwa,

"ivverifikax mir-*records* tal-P.A.P.B. fuq il-linja tal-*plots*",

kif jgħid l-appellant fil-petizzjoni. *Invece,* id-domanda li saritlu kienet preċiżament din:

"Sab il-Perit Tekniku mir-*records* tal-P.A.P.B. **meta kienet il-ġurnata** (enfasi tal-Qorti) li fiha nħarġet il-linja taż-żewġ

*plots?";*

Din hi domanda partikolari ħafna u r-risposta negattiva li ta għaliha l-Perit Tekniku ma twassal bl-ebda mod għall-konklużjoni raġġunta mill-appellant fil-petizzjoni:

"Li fl-eżerċizzju li sar ma sarx analiżi oġġettiv tal-kejl u kien ibbażat fuq x'qalu d-diversi Periti li ġew imqabbda fuq ix-xogħol";

8. Illi, għall-kuntrarju, il-Perit Tekniku bbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq analiżi oġġettiv tal-każ u ċjoè prinċipalment huwa qabbel il-kejl li rriżultalu waqt l-aċċess fuq il-post, *mal-kejl tal-plots in kwistjoni, kif muri fil-pjanta Dok.* B li ntużat fil-bejgħ ta' l-istess *Plots.* Il-Perit sab diskrepanza f'żewġ aspetti: (i) Il-linja tat-triq ġiet spostata 'l barra mill-Gvern, u b'hekk il-kontendenti, għalkemm baqgħu bl-istess kejl, ibbenefikaw it-tnejn billi l-parti fabbrikabbli tagħhom żdiditilhom; u (ii) il-linja ta' demarkazzjoni bejn *plots* numri 8 u 9 ġiet spostata mill-konvenut billi huwa invada l-*plot* numru 8 ta' l-attur b'metru fuq il-linja oriġinali tat-triq sa madwar metru punt sebgħa lejn it-tarf ta' ġewwa. Dawn id-diskrepanzi huma murija tajjeb ħafna fuq il-pjanta PT1 tal-Perit Tekniku a fol. 66;

9. **It-tieni diskrepanza hija l-punt fokali f'din il-kawża.** Il-Perit Tekniku sab (ara paragrafu 23 tar-relazzjoni a fol. 64) illi skond il-pjanta Dok. B, il-faċċata tal-*plot* numru 9 tal-konvenut kellu jkollha tul ta' għaxar metri punt sebgħa (10.7m). Però, il-Perit Tekniku sab li attwalment il-faċċata tal-konvenut *kienet twila ħdax-il metru punt sebgħa (11.7m). Il-Perit esprima* l-fehma li:

"Jista' jiġi aċċettat illi l-istess pjanta (ċjoè d-Dok. B) intużat biex akkwista l-konvenut";

Illi din il-fehma tal-Perit tirriżulta korretta billi wara li l-Perit irrelata, il-konvenut esebixxa kopja tal-kuntratt ta' l-akkwist tiegħu. Minn eżami ta' dan il-kuntratt (ara fol. 98) ma jistax ikun hemm dubju li l-kontendenti **t-tnejn** akkwistaw il-*plots* rispettivi tagħhom a bażi tal-pjanta Dok. B, imħejjija mill-Perit Fenech Vella. Infatti, l-irjiħat, kif ukoll il-kejl tal-*plots* kollha (inklużi dawk ta' ħut il-konvenut) jaqblu mad-dettalji murija f'din il-pjanta. Inoltre, iż-żewġ kuntratti ta' l-akkwist tal-kontendenti t-tnejn jagħmlu riferenza għall-*plots:*

"kif jinsabu traċċati fil-pjanta annessa ma' l-att (tan-Nutar Joseph Sciberras) tas-7 ta' Settembru, 1979";

10. Illi ladarba l-kontendenti t-tnejn akkwistaw il-fondi tagħhom rispettivi fuq il-pjanta Dok. B, il-kejl muri fuq l-istess pjanta kellu jiġi rrispettat, waqt il-kostruzzjoni tal-bini – salv il-kwistjoni ta' l-ispustament tal-linja tat-triq. Il-Perit tekniku sab li l-konvenut ma osservax il-linja medjana traċċjata fuq il-pjanta Dok. B illi huwa invada strixxa ta' art appartenenti lill-attur b'madwar metru fuq in-naħa tat-triq u madwar metru punt sebgħa lejn it-tarf ta' ġewwa. Il-Perit esprima l-fehma illi:

"Il-konvenut b'ebda mod ma rnexxielu jipprova d-dritt tiegħu għal din iż-żieda fil-wisgħa tal-*plot* tiegħu";

Anke din il-Qorti tikkondividi din il-fehma billi x-xiehda ta' l-appellant li hu kien akkwista ħames qasab u nofs faċċata (ara fo. 70) ma ġietx sostanzjata. Infatti dan il-kejl ma jirriżultax la mill-kuntratt ta' l-akkwist u lanqas mill-pjanta li a bażi tagħha

inbiegħu l-*plots*. Inoltre, il-venditur, Disma Attard, ma kkorroborax din ix-xiehda ta' l-appellant, kif sewwa kkummentat l-ewwel Onorabbli Qorti;

11. Illi din il-Qorti tikkondividi wkoll dak li jingħad fis-sentenza appellata u ċjoè li r-risposti tal-Perit Tekniku in eskussjoni mill-konvenut, "ma varjaw bl-ebda mod - lanqas marġinalment - il-konklużjonijiet tiegħu fir-rapport";

Dana jgħodd ukoll għar-risposti dwar it-tielet u r-raba' kweżit. Ċertament il-kwistjoni tar-responsabbilità *o meno* tal-perit ta' l-appellant issollevata fit-tielet domanda ma tistax tiġi *kkummentata f'din il-kawża billi dan il-perit m'huwiex parti f'din* il-kawża anke għaliex il-konvenut ma ħassx il-bżonn li jitlob li jiġi kkjamat in kawża;

12. Illi din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa r-relazzjoni peritali u jidhrilha li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ġustifikata li taddotta r-rapport tal-Perit Tekniku. Kjarament l-inkariku mogħti lill-Perit kien neċessarjament jinvolvi ċertu ammont ta' kejl u kontaġġi matematiċi. Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li jekk l-appellant verament ried jikkontesta l-konklużjonijiet tekniċi raġġunti fir-relazzjoni, imissu talab il-ħatra ta' Periti addizzjonali a tenur ta' l-artikolu 674 tal-Kap. 12. Din il-Qorti jidhrilha li r-rapport peritali fih biżżejjed materjal li jiġġustifikaha li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u sabet li l-appellant, fil-bini li tella', invada l-art ta' l-appellat, kif dettaljatament indikat mill-Perit Tekniku;

13. L-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"Jekk fit-tlugħ ta' bini tiġi okkupata b'*bona fidi* biċċa mill-fond li jmiss ma' dak il-bini, u l-ġar ikun jaf li qiegħed isir dak il-bini u ma jagħmilx opposizzjoni, l-art li tiġi hejkk okkupata u l-bini li jsir fuqha jistgħu jiġu ddikjarati ta' proprjetà ta' min bena, taħt l-obbligu li jħallas lil sid l-art il-valur tal-wiċċ li jkun okkupa, u li jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tkun saret";

14. Din id-disposizzjoni ċertament ma tneħħix id-dritt ta' min ikollu biċċa mill-proprjetà tiegħu użurpata mill-ġar, li jaġixxi ġudizzjarjament kontrih għar-restituzzjoni tad-drittijiet tiegħu u r-rimozzjoni tal-bini li jkun sar abbużivament mill-ġar. Din id-disposizzjoni sempliċement tagħti segħa **li jekk jirrikorru ċ-ċirkostanzi kollha msemmija, fl-istess disposizzjoni**, il-Qorti, minflok ma tordna l-applikazzjoni tas-sanzjoni tat-twaqqigħ tal-bini u tar-*restitutio in integrum*, tapplika din id-disposizzjoni u b'hekk tiddikjara l-art invaża u l-bini li jsir fuqha bħala proprjetà ta' min bena, taħt l-obbligu li dan iħallas lis-sid ta' l-art il-valur ta' l-art okkupata u d-danni;

15. Kif intqal fil-**Kollez. Vol. XL f'paġna 843**:

"Sabiex tista' tkun applikata l-imsemmija disposizzjoni, huwa meħtieġ li jikkonkorru dawn ir-rekwiżiti:

1. Illi l-opera li tkun saret tkun edifizzju;

2. Illi parti biss u mhux il-bini kollu, ikun ġie kkostruwit fuq art ta' ħaddieħor;

3. Illi tkun ġiet okkupata parti biss mill-fond attigwu;

4. Illi dik l-okkupazzjoni tkun saret *in "buona fede"*; u

5. Illi l-kostruzzjoni tkun saret meta l-viċin kien jaf u ma għamilx opposizzjoni għaliha'';

16. Fl-istess sentenza hemm elenkati diversi prinċipji li jirrigwardaw l-applikazzjoni ġusta ta' din id-disposizzjoni u ċjoè li:

(1) Hija disposizzjoni ta' natura eċċezzjonali billi tidderoga għall-prinċipju li *''QUOD SOLO INAEDIFICATUR SOLO CEDIT''* kif ukoll għall-prinċipju l-ieħor li *''ACCESSORIUM SEQUITUR PRINCIPALE''* u għalhekk għandha tiġi interpretata restrittivament;

(2) Din id-diposizzjoni tista' tiġi applikata biss jekk u fil-każ li jikkonkorru l-kondizzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi; u jekk tonqos anke waħda minnhom biss, dik id-disposizzjoni ma tkunx applikabbli;

(3) Illi l-*buona fede* hija dejjem preżunta, salva l-prova kontrarja;

(4) Illi l-opposizzjoni għall-okkupazzjoni tista' tkun magħmula bi kwalunkwe mod, anki mhux ġudizzjarjament. Kif josserva Pacifici Mazzoni (Beni. 213) opposizzjoni straġudizzjali hija suffiċjenti għaliex din,

*''non deve avere altro ufficio che togliere il costruttore dal suo errore, e così costituirlo in mala fede'';*

17. Illi l-appellant, fil-petizzjoni tiegħu, jissofferma fuq l-element tal-*buona fede* u jgħid li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta ddikjaratu *in mala fede*. Din il-Qorti, però

ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni billi l-iżball ta' l-appellant ġie sa mill-bidu nett indikat lill-appellant mill-attur, li inoltre ppreżenta kontrih il-protest ġudizzjarju u l-ittra uffiċjali indikata fiċ-ċitazzjoni. Il-provi li tressqu f'din il-kawża taw raġun lill-appellat. Jidher ċar li l-appellant baqa' dejjem jippersisti fl-iżball billi huwa dejjem sostna li kellu ftehim verbali mal-venditur Disma Attard li jiehu ċirka nofs qasba iżjed fuq il-faċċata mill-*kejl muri* fuq il-pjanta Dok. B (ara x-xiehda tal-Perit ta' l-appellant a fol. 73 tal-proċess). Il-Perit Muscat qagħad fuq dak li qallu l-appellant u ħareġ il-linja tal-ħajt diviżorju fuq il-kejl indikat lilu mill-appellant;

18. Illi fi kwalunkwe każ, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern żgur ma hemmx l-element ta' l-akkwijexxenza ta' l-appellat għall-operat ta' l-appellant. Dana *l-element* huwa wkoll essenzjali għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 571 u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tapplika għall-każ odjern il-konċessjoni tal-benefiċċju kkontemplat fl-imsemmi artikolu 571 fuq imsemmi;

19. L-appellant jillamenta li s-sentenza appellata ma pprovdietx għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż fir-rigward ta' *l-ewwel* u t-tieni talba ta' l-attur, li l-appellant jgħid li sfaw eżawriti fil-mori tal-kawża;

Irriżulta li din il-kawża ġiet istitwita meta l-bini tal-konvenut appellant kien għadu fil-bidu nett tal-kostruzzjoni. Jidher li l-appellant injora għal kollox din il-kawża u baqa' jtella' u lesta minn kollox il-bini tiegħu, mingħajr ma stenna l-eżitu ta' din il-kawża. B'hekk, evidentement, huwa ħa riskju żejjed u xeħet fuqu stess ir-responsabbilità għall-konsegwenzi ineżorabbli ta' l-operat abużiv tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertament, mhux

il-każ li tiġi kkunsidrata ebda talba għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

20. Għal dawn il-motivi, l-appell huwa miċħud, is-sentenza appellata hija kkonfermata, b'dan li t-terminu tat-tliet xhur prefiss in konnessjoni mat-tielet talba, għandu jibda jiddekorri mil-lum – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut appellant.